AWTORITÀ TAD-DJAR ◆ HOUSING AUTHORITY



Rapport tas-sena 1993 - 1994

Estimi ghas-sena 1994 - 1995

Rapport Amministrattiv
Bejn l-1 t' Ottubru, 1993
u t-30 ta' Settembru, 1994

Rapport Finanzjarju
Bejn l-1 t' Ottubru, 1993
u t-30 ta' Settembru, 1994

Estimi ta' Nfieq u Dħul
Bejn l-1 t' Ottubru, 1994
u t-30 ta' Settembru, 1995

Imhejjija skond l-Artikli
11 u 13 ta' l-Att
Dwar l-Awtorità Tad-Djar (Kap. 261).

KONTENUT

RAPPORT AMMINISTRATTIV .................................... 3

RAPPORT FINANZJARJU .................................... 18

ESTIMI GĦAS-SENA 1994/95 .................................... 24

PJANTI TA' PROGETTI .................................... 38

# AWTORITA' TAD-DJAR

## RAPPORT AMMINISTRATTIV 1993/94

**1.0 Dahla**

1.1 Dan ir-rapport ifisser hidmet l-Awtorità tad-Djar tul it-tnax-il xahar mill-1 ta' Otttubru , 1993 sat-30 ta' Settembru , 1994.

1.2 Matul din is-sena, hidmet l-Awtorità tad-Djar tmexxiet minn Bord nominat permezz ta' Avviż Legali Numru 503 tal-Gazzetta tal-Gvern tal-29 ta Lulju, 1994.

Dan il-Bord kien kompost minn:-

Dr. Robert Tufigno LL.D. (*Chairman*),
Is-Sur Carmel Esposito
Dr. Suzanne Felice LL.D.
Dr. George Grech M.R.C.S.(Eng), L.R.C.P. (Lond)
Is-Sur Richard Sladden
Is-Sur Anthony Zarb F.C.C.A., M.I.A., C.P.A.A., M.B.A. (Warwick),
Is-Sur Victor Sciberras Grioli (Segretarju).

1.3 Matul dawn l-ahhar tnax-il xahar il-Membri tal-Bord ta' l-Awtorità tad-Djar iltaqghu diversi drabi kemm bhala Bord kif ukoll f'sottokumitat, u wkoll informalment biex jistharrġu b'reqqa u jwettqu deċiżjonijiet dwar suġġetti speċifiċi. Il-membri tal-Bord hadu sehem f'kumitati ma' awtoritajiet governattivi mpenjati fil-hidma tal-*Housing*. Dawn il-laqghat kienu ta' ghajnuna kbira biex kull awtorita' u dipartiment governattiv setghu jahdmu id f'id f'dawn il-qasam

**2.0 Sena ta' Hidma Mpenjattiva.**

2.1 Matul din is-sena l-Bord ta' l-Awtorità tad-Djar baqa' miexi fil-hidma tieghu fuq il-"*Guideline Policies*" ghas-snin 1987-1997 li l-Bord kien approva seba' snin ilu.

2.2 Fid-26 ta' Mejju, 1994, taht Avviż 50, harġu ghal allokazzjoni b'xiri 45 il-appartament fl-Imsida u 40 dar bil-garaxx maghhom fl-Imtarfa. Dan l-ammont ma jinkludix 396-il appartament li ġew allokati mid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Soċjali.

Dawn kienu mqassma hekk:-

| LOKALITÀ | NUMRU TA' APPARTAMENTI | | | |
|---|---|---|---|---|
| | XIRI | | | |
| MALTA | Numru ta' kmamar tas-Sodda | | | |
| | *4 bed* | *3 bed* | *2 bed* | Total |
| Mtarfa* (Djar) | 1 | 29 | 10 | 40 |
| Msida | -- | 32 | 13 | 45 |
| | | | | --- |
| **Total** | | | | 85 |

* Kull dar fl-Imtarfa qed tinbiegħ flimkien ma' garaxx

B'din il-ħarġa ta' appartamenti u djar iddaħħal il-kunċett li biex applikant ikun jista jikkwalifika għall-allokazzjoni taħt dan l-avviz ma jridx ikun diġa sid ta' daru u dan wara t-30 ta' Settembru 1992 sad-data ta' enventwali trasferiment tal-appartamenti/djar. B'dan il-mod, l-Awtorita' evitat il-fatt li persuna li kellha diġa propjeta' tagħha, li tirresjedi fiha u li hi adekwata għaliha u għall-familja tagħha kienet tiddisponi minn din il-propjeta hekk kif issir taf bil-ħrug ta' applikazzjoni għall-propjeta tal-Awtorita' u b'hekk tkun tista tapplika u anke tista tikkwalifika taħt l-avviz a skapitu ta' min ikollu bzonn fir-realta'. Pero' wara l-esperjenza akkwistata wara l-ħruġ u allokazzjonijiet tal-*plots* maħruġa taħt l-iskema tal-*Home Ownership* ħarġa Lulju 1993, l-Awtorita' tad-Djar aċċettat bħala valida l-applikazzjoni ta' dawk l-applikanti li jipposjedu propjeta' jew kienu jippossjedu propjeta' wara data fuq indikata u li fl-opinjoni tagħha mhux adekwata jew ma kienitx adekwata għall-akkomodazzjoni residenżjali għall-applikant u għall-mara u għal-familja tiegħu. B'danakollu dawn l-applikanti għandhom l-obbligu li jikkonsenjaw iċ-ċwievet tal-post minn fejn applikaw lid-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Soċjali.

F'din il-ħarġa lista ta' kategoriji ta' l-applikanti ġiet rinnovata minn kif kienu f-ħarġiet preċedenti. Infatti d-diversi applikanti li huma ġenitur wieħed gew inkorporati f'kategorija waħda, kif sar ukoll għal dawk l-applikanti li jkunu jgħixu waħedhom jew ma oħrajn pero' mhux miżżewwġin.

**Dawn kienu mqassma u applikaw għalihom hekk:-**

| Kategorija | Numru ta' flats f'kull lokalità | Numru ta' applikanti |
|---|---|---|
| A (koppji miżżewġin) | 25 | 118 |
| B (koppji għarajjes) | 42 | 205 |
| Ċ (persuna jew aktar li mhux miżżewwġin izda jgħixu flimkien) | 4 | 7 |
| D (koppji miżżewġin fuq il-50 sena bla tfal) | 6 | 3 |
| E (ġenitur wieħed u uliedu) | 8 | 25 |
| | 85 | 358 |

Fil-każ ta' kategorija D, fejn hemm aktar appartamenti milli applikanti, l-appartamenti żejda tqassmu fil-kategoriji l-oħra kif indikat fl-avviż relattiv.

Wara li l-applikazzjonijiet kollha riċevuti ġew ivverifikati, l-applikanti gew mogħtija il-punti. Il-lista tal-punti mogħtija lil kull applikant giet ippubblikata fuq in-*Notice Board* ta' l-Awtorita' tad-Djar. Din il-lista kienet tinkludi wkoll dawk l-applikazzjonijiet li ġew invalidi u r-raġuni għal dan.

Dawk l-applikanti li ma qablux mal-punteġġ mogħti lilhom kif ukoll dawk l-applikanti li l-applikazzjoni tagħhom ġiet invalidata kellhom d-dritt li joġġezzjonaw bil-miktub.

Wara li sottokumitat nominat mill-Bord ta' l-Awtorita' tad-Djar ivverifika l-oġġezzjonijiet mibghuta, ġiet ippubblikata l-lista finali tal-punteġġ mogħti lil kull applikant. L-applikanti ġew murija taħt il-kategorija rispettiva tagħhom

Dawk li gew minn ta' quddiem fil-punti taħt kull kategorija u allura setgħu jikkwalifikaw għall-allokazzjoni ta' dar/appartament ġew infurmati biex jossettomettu fi żmien indikat lilhom lill-Awtorita' tad-Djar ir-riċerki tagħhom.

Wara li saret il-verifika neċessarja kollha halli jiġi stabiliet jekk l-applikanti jikkwalifikawx skond il-kundizzjonijiet ta' l-Avviz relattiv, bejn it-26 u 30 ta' Settembru 1994, l-Awtorita' tad-Djar iffirmat 51 il-ftehim preliminarju ma l-applikanti. Il-ftehim preliminarju fuq il-34 *units* l-oħra ser isir fix-xahar ta' Ottubru, 1994




Waqt l-ipproċessar ta' dawn l-applikazzjonijiet, l-Awtorità tad-Djar kienet għaddejja wkoll bir-reviżjoni ta' kull sentejn fuq ir-rati sussidjati ta' l-imgħax u fuq iċ-ċens tal-*HOS plots*, fuq ir-rata sussidjata ta' l-imgħax ta' self ta' l-iskemi "Sir Sid ta' Darek" u fuq appartamenti allokati b'bejgħ taħt diversi avviżi ta' l-istess Awtorità tad-Djar. Dan l-eżerċizzju kien jinvolvi 'il fuq minn 2,000 revizjoni.




| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' percentwal ta' imghax | 2.5 | 3.0 | 3.5 | 6.0/6.5 | 7.0 |
| Skala ta' dhul fis-sena mhux aktar minn * | Lm 2,000 | Lm 3,000 | Lm 4,000 | Lm 5,000 | |

***Dhul tal-beneficjarju wara t-tnaqqis kontemplat fil-harga relattiva**




| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' percentwal ta' imghax | 3.5 | 4.0 | 4.5 | 5.0 | 5.5 | 6.0 | 6.5 | 7.0 |
| Skala ta' dhul fis-sena mhux aktar minn * | Lm 2,000 | Lm 2,500 | Lm 3,000 | Lm 3,500 | Lm 4,000 | Lm 4,500 | Lm 5,000 | |




| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' percentwal ta' imghax | 1.0 | 2.0 | 3.0 | 4.5 | 6.0 | 7.0 |
| Skala ta' dhul fis-sena mhux aktar minn * | Lm 1,500 | Lm 3,000 | Lm 4,000 | Lm 5,000 | Lm 6,000 | |

***Dhul tal-beneficjarju wara t-tnaqqis kontemplat fil-harga relattiva**




| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' percentwal ta' imghax | 1.0 | 2.0 | 3.0 | 4.5 | 6.0 | 7.0 |
| Skala ta' dhul fis-sena mhux aktar minn * | Lm 1,500 | Lm 2,000 | Lm 3,000 | Lm 4,000 | Lm 5,000 | |




| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' Percentwal ta' mghax | 0.5 | 1.0 | 1.5 | 2.0 | 2.5 | 3.0 | 3.5 | 4.0 | 4.5 | 5:0 | 5.5 | 6.0 | 6.5 | 7.0 |
| Skala ta' dhul fis-sena mhux aktar minn* | Lm 1,000 | Lm 1,500 | Lm 2,000 | Lm 2,500 | Lm 3,000 | Lm 3,500 | Lm 4,000 | Lm 4,500 | Lm 5,000 | Lm 5,500 | Lm 5,500 | Lm 6,000 | Lm 6,500 | |

***Dhul tal-beneficjarju wara t-tnaqqis kontemplat fil-harga relattiva**




## 2.3 Skema tal-"*Home Ownership*"

Wara l-egħluq ta' l-applikazzjonijiet l-Awtorita' tad-Djar kompliet bil-proċess għall-allokażżjoni tal-*HOS Plots* taħt l-Iskema *Home Ownership* 'Ħarġa Lulju 1993'

Ta' min ifakkar li l-plots kienu mqassma hekk:-

## MALTA

| LOKALITA' | Gharajjes | | Gharajjes b'diżabilità | | Miżżewġin | | Miżżewgin b'diżabilità | | Total | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | *Plots* | Appli kanti | *Plots* | Appli kanti | *Plots* | Appli kanti | *Plots* | Appli kanti | *Plots* | Appli kanti |
| Attard | 5 | 202 | -- | -- | 2 | 38 | 1 | 1 | 8 | 241 |
| Birkirkara | 2 | 20 | -- | -- | 2 | 6 | -- | -- | 4 | 26 |
| Birżebbuġa | 3 | 48 | -- | -- | 2 | 21 | -- | -- | 5 | 69 |
| Buġibba | 1 | 6 | -- | -- | -- | 1 | -- | -- | 1 | 7 |
| Burmarrad | 1 | 6 | -- | -- | 1 | 1 | -- | -- | 2 | 7 |
| Dingli III | 20 | 123 | -- | -- | 14 | 25 | -- | -- | 34 | 148 |
| Gudja | 1 | 8 | -- | -- | -- | -- | -- | -- | 1 | 8 |
| Kirkop | 2 | 10 | -- | -- | 2 | 4 | -- | -- | 4 | 14 |
| Manikata | 4 | 10 | -- | -- | -- | -- | -- | -- | 4 | 10 |
| Marsaxlokk | 7 | 57 | -- | -- | 4 | 13 | -- | -- | 11 | 70 |
| Mellieha | 12 | 44 | -- | -- | 8 | 8 | -- | -- | 20 | 52 |

| LOKALITA' | Gharajjes | | Gharajjes b'diżabilità | | Miżżewġin | | Miżżewgin b'diżabilità | | Total | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | *Plots* | Appli kanti | *Plots* | Appli kanti | *Plots* | Appli kanti | *Plots* | Appli kanti | *Plots* | Appli kanti |
| Mġarr | 7 | 34 | -- | -- | 5 | 11 | -- | -- | 12 | 45 |
| Mosta | 2 | 24 | -- | -- | 1 | 7 | 1 | 2 | 4 | 33 |
| Mqabba | 2 | 8 | -- | -- | 2 | 2 | -- | -- | 4 | 10 |
| Msida | 2 | 31 | -- | -- | 1 | 14 | -- | -- | 3 | 45 |
| Mtarfa | 22 | 199 | -- | -- | 15 | 37 | -- | -- | 37 | 236 |
| Naxxar | 4 | 58 | -- | -- | 1 | 8 | 1 | 1 | 6 | 67 |
| Paola | 6 | 38 | -- | -- | 3 | 7 | 1 | 1 | 10 | 46 |
| Pembroke | 4 | 155 | -- | -- | 2 | 39 | 1 | 1 | 7 | 195 |
| Qormi | 1 | 16 | 1 | 1 | 1 | 9 | -- | -- | 3 | 26 |
| Qrendi | 7 | 23 | -- | -- | 4 | 3 | -- | -- | 11 | 26 |
| Siġġiewi | 11 | 113 | -- | -- | 7 | 15 | -- | -- | 18 | 128 |
| Żabbar | 1 | 6 | -- | -- | -- | -- | -- | -- | 1 | 6 |
| Żurrieq | 2 | 31 | -- | -- | 2 | 6 | -- | -- | 4 | 37 |
| TOTAL | 129 | 1270 | 1 | 1 | 79 | 275 | 5 | 6 | 214 | 1552 |

## GHAWDEX

| LOKALITA' | Gharajjes | | Gharajjes b'diżabilità | | Miżżewġin | | Miżżewgin b'diżabilità | | Total | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | *Plots* | Appli kanti | *Plots* | Appli kanti | *Plots* | Appli kanti | *Plots* | Appli kanti | *Plots* | Appli kanti |
| Ghasri | 2 | 10 | -- | -- | 2 | 5 | -- | -- | 4 | 15 |
| Munxar | 1 | 15 | -- | -- | -- | -- | -- | -- | 1 | 15 |
| Nadur | 1 | 14 | -- | -- | 1 | 5 | -- | -- | 2 | 19 |
| Qala | 3 | 21 | -- | -- | 2 | 12 | -- | -- | 5 | 33 |
| San Lawrenz | 5 | 28 | -- | -- | 3 | 9 | -- | -- | 8 | 37 |
| Xaghra | 5 | 38 | -- | -- | 3 | 20 | -- | -- | 8 | 58 |
| Xewkija | 1 | 18 | -- | -- | 1 | 14 | -- | 1 | 2 | 33 |
| TOTAL | 18 | 144 | -- | -- | 12 | 65 | -- | 1 | 30 | 210 |

L-Awtorità tad-Djar irċeviet 1762 applikazzjoni, 347 minn koppji miżżewġin, u 1415 minn koppji għarajjes.

Immedjatament wara l-egħluq ta' l-applikazzjonijiet, jiġifieri fl-1 ta' Settembru, 1993, inbeda l-ipproċessar tagħhom. L-ewwel pass kien it-tlugħ bil-polza fil-pubbliku ta' kull applikazzjoni fil-kategorija tagħha, jiġifieri miżżewġin jew għarajjes, għal kull lokalità. Dawk l-applikazzjonijiet li ġew minn ta' quddiem bil-polza f'kull lokalita' għall-kategorija tagħhom li jikkorrispondi mat-total ta' *plots* f'kull lokalità għal kull kategorija bdew jiġu vverifikati.

Dawk l-applikanti li l-applikazzjonijiet tagħhom instabu li kienu validi, u allura jistgħu jiġu allokati *plot*, ġew infurmati biex jisottomettu fiż-żmien stipulat lill-Awtorità tad-Djar ir-riċerki tagħhom.

Dawk l-applikazzjonijiet li nstabu mhux validi skond il-kundizzjonijiet tal-ħarġa, ġew infurmati bir-raġuni għaliex l-applikazzjoni tagħhom ġiet invalidata u ġew mogħtija sebat'ijiem ta' xogħol biex joġġezzjonaw.

Wara dan il-proċess ġie stabbilit l-ammont ta' applikazzjoni validi li jikkorrispondi għall-ammont ta' *plots* f'kull kategorija u f'kull lokalità u għaldaqstant fi Frar 1994 ittellat il-polża għall-allokazzjoni tal-*plot* partikolari li kull benefikarju li l-applikazzjoni tiegħu instabet valida.

Immedjatament wara, l-Awtorita' tad-Djar iffirmat il-ftehim preliminari ma dawk il-benefiċjarji li kienu ntitolati għall-allokazzjoni tal-*plot*.

## 2.4 Skemi biex il-kerrej isir Sid ta' Daru

L-Awtorita' tad-Djar kompliet bil-proċessar ta' l-applikazzjonijiet li rċeviet taħt l-Avviżi Legali 179 u 180 li dehru fil-Gażżetti tal-Gvern tas-26 ta' Novembru, 1991 rigward skemi "G" u "H" biex tħajjar il-kerrejja jsiru sidien ta' djarhom, liema skemi skadew fil-25 ta' Novembru, 1992. L-iskema "G" tapplika għal dawk il-kerrejja li joqogħdu fi proprjetà tal-Gvern waqt li skema "H" tapplika għal dawk li joqogħdu fi proprjeta' tal-privat.

F'dan iż-żmien ta' tnax-il xahar saru:

1. 2 kuntratti tal-bejgħ ta' djar tal-Gvern taħt Skema "A".
2. Kuntratt wieħed taħt Skema "B".
3. 27-il konvenju u 20-il kuntratt tal-bejgħ ta' djar u appartamenti tal-Gvern taħt Skema "E".
4. 4 kuntratti ta' bejgħ taħt Skema "F".
5. 16-il konvenju u 86-il kuntratt tal-bejgħ ta' djar u appartamenti tal-Gvern taħt Skema "G".
6. 6 kuntratti ta' bejgħ taħt Skema "H".

7. 101-il konvenju u 109-il kuntratt fuq appartamenti/*maisonettes* ġodda tal-Gvern.

8. 51-il kuntratt fuq fondi maħruġa b'offerti.

9. 31-il kuntratt fuq biċċiet art f'Kirkop u Mtarfa

Fl-istess waqt l-Awtorita' tad-Djar approvat skemi oħra biex jieħdu post dawk iż-żewġ skemi li skadew. Dawn sejrin jiġu ppublikati f'qasir żmien. L-Skema I biex tieħu post Skema Ġ waqt l-Iskema J biex jieħu post l-Iskema H. L-Iskema I tħajjar lil dawk r-residenti li joqgħodu fil-propjeta tal-Gvern biex isiru sid darhom waqt l-iskema J tħajjar lir-residenti fid-djar tal-privat biex ukoll isiru sid darhom. Aspett ġdid taħt l-Iskema J hu li f'din l-Iskema ġiet inkorporata għajnuna forma ta' għotja u sussidju fuq l-imgħax ta' self biex l-inkwilin waqt li jsir sid ta' daru jiġi mgħejjun jagħmel xogħol fl-irranġar u titjib tad-dar li ser jixtri f'din l-iskema. Din l-għajnuna qed tingħata biex il-fond akkwistat ikun tajjeb u adekwata għall-abitazzjoni.

### Skemi Oħra

L-Awtorita' tad-Djar qed tipprepara skemi oħra biex tingħata għajnuna in konnesjoni ma' xogħol ta' rrangar u titjib fil-bini residenzjali. L-iskop hu li fondi li mhux qed jintuzaw, jinġibu fi stat tajjeb għall-abitazzjoni u jintużaw mill-privat.

Dawn l-Iskemi huma:-

Skema K: Skema għal sussidju fuq xogħolijiet ta' rranġar u titjib f'postijiet okkupati mis-sidien stess

Skema L: Skema ta' sussidju fuq il-kera ta' residenzi privati.

Skema M: Skema għal sussidju fuq xogħolijiet ta' rranġar u titjib fi djar privati li jingħataw b'kera.

Skema oħra li tlestiet hija biex benifiċjarji li ġew allokati *HOS Plots* taħt il-Ħarġiet 1 sa 10 ikunu jistgħu jifdu ċ-ċens tal-*plots* tagħhom. Huwa ttamat li din l-iskema tiġi ppublikata fi żmien qasir.

## 2.5 Il-Proġett ta' l-Imtarfa

Matul din is-sena tkomplew il-proġetti li kienu nbdew is-sena ta' qabel, kif ukoll nbdew proġetti oħrajn.

Xogħol ta' *'landscaping'* madwar il-Blokki 'Tifkiriet Puniċi' u 'San David' tlesta kif ukoll xogħol ta' *'landscaping'* madwar il-Blokki residenżjali A, B, Ċ D, E, F, G, H, I, Q, R, S, T u bini ta' 82 garaxx għall-bżonnijiet tar-residenti tal-inħawi. Il-proġett ta' bini ta' *Cluster Block II* li jinkludi 40 appartament, 44 garaxx u *landscaping* madwarhom jinstab fil-final u dawn l-40 appartament flimkien ma 40 garaxx fi *Cluster Block II* ġew allokati.

Inbeda wkoll xogħol fuq żewġ proġetti oħra fl-Imtarfa. Dan hu l-bini ta' *Cluster Block III* li jinkludi 78 appartament, 92 garaxx u *Sports Centre*. Il-proġett tal-bini ta' *Tennis Courts* bil-*parking* taħthom qiegħed fil-fazi finali.

Dan l-aħħar ħarġu wkoll *tenders* għall-żewġ proġetti oħra. Dawn jinkludu bini ta' *Cluster Block IV* li fih 40 appartament u 40 garaxx, u bini ta' *Town Centre* li jinkludi ħwienet, uffiċini, *club*, klinika, *post office* u għassa tal-pulizia. Ix-xogħol fuq dawn il-proġetti mistenni jibda fi żmien qasir.

Din is-sena sar ukoll ix-xogħol neċessarju sabiex joħorġu *tenders* għall-xogħolijiet oħra fl-Imtarfa. Dawn huma il-kostruzzjoni u l-irranġar ta' toroq b'faċilitajiet għal sistema ta' infrastruttura taħt l-art, u bini ta' ġibjun. Tkompla ukoll ix-xogħol fuq disinn u preparazzjoni ta' *tender documents* għal *maisonettes* li ser jinbnew minflok il-*HOS Plots* fl-Imtarfa hekk kif l-Awtorita' ta' l-Ippjanar tapprova l-progett.

Din is-sena tqassmu wkoll *7 plots* fl-Imtarfa li ħarġu bl-offerta. Tqassmu ukoll 11-il garaxx lir-residenti ta' Binja Qlejgħa wara li l-garaxxijiet kollha fil-kompless ġew offruti lir-residenti tal-binja.

## 2.6 Attivitajiet oħra matul is-sena

2.6.1 Saru 293-il kuntratt min-Nutara magħżula mill-benefiċjarji stess ħalli jiġu ffinalizzati t-trasferimenti tal-*HOS plots* lill-benefiċjarji. Dawn jinkludu wkoll 122-il kuntratt rigward fidi ta' ċnus gravanti l-istess *HOS plots*.

2.6.2 L-Awtorità tad-Djar irċeviet 9 applikazzjonijiet għall-ftuħ ta' ħwienet fuq *HOS plots*. Tnejn ġew approvati waqt li għad baqa 6 applikazzjonijiet li għadhom qegħdin jiġu proċessati. Applikazzjoni oħra ġiet irtirata.

2.6.3 Fl-ewwel ta' Marzu 1994, permezz ta' Avviz Numru 47 li deher fil-Gazetta tal-Gvern l-Awtorita' tad-Djar ippubblikat il-*policy* tagħha rigward minn u kif wieħed jista jiddisponi mill-*HOS Plots* u l-benefikati ta' fuqha lill-terzi persuni. Il-beneficjarji ta' l-*HOS Plots* li jikkwalifikaw biex jittrasferixxu il-plot iridu jkunu :-

(a) koppji għarajjes li tħassret l-għerusija tagħhom
(b) koppji miżżewwġin li tħassar iż-żwieġ tagħhom
(ċ) koppji miżżewwġin li sabu diffikultajiet biex iħallsu lura s-self mogħti lilhom minn xi istituzzoni finanzjarja u għalhekk jixtiequ jittrasferixxu l-*plot* lil terzi ħalli jirranġaw s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom.

Għal rizultat ta' dan, l-Awtorita' rċiviet 51-il talba li kienu mqassmin hekk :-

(a) 28 minn koppji għarajjes li ħassru l-għerusija tagħhom
(b) 7 minn koppji miżżewwġin li tħasser iż-żwieġ tagħhom
(ċ) 12 minħabba raġunijiet finanzjarji
(d) 3 irtiraw l-applikazzjoni
(e) 1 ġiet rifjutata

S'issa l-Awtorita' approvat 28-il talba u saru 43-il att ta' trasferiment li jinkludi dawk il-talbiet li kienu pendenti mill-iskema ta' qabel din.

2.6.4 Fit-22 ta' April 1994 l-Awtorita' tad-Djar harġet ghall-bejgh b'offerta 33 *plots* imxerdin f'diversi lokalitajiet f'Malta u Ghawdex. L-Awtorita' irċeviet offerti ghall-32 *plot*. Dawn il-*plots* ġew allokati u t-trasferiment taghhom finalizzat. Ghalkemm dawn il-*plots* harġu ghall-bejgh b'offerta dawn kienu miftuha biss ghall-applikanti miżżewwġin jew gharajjes. Fuq il-*plot* trid tinbena dar ta' żewġ sulari u trid tiġi użata biss ghall-skopijiet ta' residenza ordinarja.

2.6.5 It-taqsima legali ippreparat ghal-*Land Registry* 63 *Reserch Form* u effetwat 33 il-applikazzjoni ghall-ewwel reġistrazzjoni ta' artijiet li jirrigwardjaw art u bini mibni fuqha kemm mid-Dipartiment ta' l-Art favur l-Awtorita' tad-Djar kif ukoll mill-Awtorita' tad-Djar lill-benefiċjarji taghha.

2.6.6 Is-sezzjoni Teknika kellha sena mill-aktar impenjattiva. Matul dan l-ahhar tnax il-xahar, din is-sezzjoni effetwat:-

(1) 1158-il spezzjoni rigward hlas ta' *cash grant* lill-benefiċjarji ta' l-*HOS Plots*.

(2) 2544-il *Progress Report* biex jinżamm kontroll fuq l-izvilupp ta' *HOS Plots*.

(3) 175-il spezzjoni fejn saru l-*Line Drawings* tar-residenzi tal-applikanti mal-Awtorita' tad-Djar

Barra minn hekk saru :-

(1) 15-il pjanta ta' residenza propjeta' tal-Gvern halli l-inkwilini jkunu jistghu jixtru r-residenża taghhom.

(2) Approvat 358-il pjanta rigward bini fuq *HOS Plots*.

Ghal dan il-ghan intbaghtu l-fuq minn 3702-il ittra ta' appuntament.

Din is-sezzjoni kienu involuta ukoll fl-iffissar tal-prezzijiet tad-djar u appartamenti mahruġa taht l-Avviz Numru 50.

Fil-preżent din is-sezzjoni qed tipprepara pjanti ghall-iżvilupp ta' *plots* f'*maisonettes* li ser issir mill-Awtorita' tad-Djar f'diversi lokalitajiet f'Malta u Ghawdex.

Barra minn dan saret 87-il talba lill-Kummissarju ta' l-Artijiet halli jiġi trasferit lilha 87 post tal-Gvern permezz ta' Ordni Presidenzjali

Xoghol iehor maghmul minn din is-sezzjoni kien *Condition Reports* fuq garaxxijiet u appartamenti tal-Gvern kif ukoll *site plans* u spezzjonijiet biex jiġi zgurat li art li fuqha ser isir żvilupp mill-Awtorita' tad-Djar ma tkunx okkupata.

2.6.7 L-Awtorità tad-Djar ħarġet għall-bejgħ bl-offerta appartamenti f'Buġibba u Tal-Pietà u, permezz tad-Dipartiment ta' l-Art, garaxxijiet u ħwienet f'postijiet differenti f'Malta. Il-flus rikavati mill-bejgħ ta' dawn il-postijiet serva biex l-Awtorità tad-Djar tkompli bil-programm tagħha ta' bini ta' residenza għal min għandu bżonn.

2.6.8 L-Awtorità tad-Djar kompliet l-iffinanzjar ta' l-iskema *SHD 15A* li hija skema tad-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali fejn l-inkwilini ta' djar privati mikrija lilhom ikunu jistgħu jagħmlu xi alterazzjonijiet neċessarji fid-djar fejn joqogħdu. Fl-aħħar tas-sena finanzjarja li għaddiet ibbenefikaw 458.

## 3.0 Proġetti Ġodda.

Matul din is-sena ġie iffirmat il-ftehim bejn Istitut tar-Riċerka fil-Gebel ta' l-Universita' ta' Malta u l-Awtorita' tad-Djar li permezz ta' dan l-ftehim ser jinbnew 12 *Units* fl-Imsida fl-inħawi 'Tas-Swatar' bl-iskop li jsir użu aħjar mill-enerġija naturali u b'hekk isir frankar ta' enerġija artifiċjali. Wieħed jispera li dan il-ftehim jagħti r-rizultat meħtieġa biex wieħed ikun jista jippjana għall-futur.

Matul din is-sena l-Awtorità tad-Djar kompliet fl-ippjanar ta' *87 HOS Plots* li l-bini tagħhom qed ikun amministrat kollu kemm hu minnha stess, u 199 *maisonettes* li ser ikunu mibnija għaliha taħt il-kontroll tad-Dipartiment tal-Bini u Tiswija tà Djar tal-Ministeru ta' l-Ambjent. L-ispiża ta' dawn il-*maisonettes* ser tinħareġ mill-fondi ta' l-Awtorità tad-Djar. Dawn il-*maisonettes* ser ikollhom dak kollu li hu meħtieġ għal residenza u ser jintuża bl-aħjar mod l-ispazju sabiex ikun ideali għal koppji għarajjes jew miżżewġin bi dħul medju.

F'1994 ser jinħarġu wkoll applikazzjonijiet għall-allokazzjoni ta' *maisonettes* fil-lokalitajiet li ġejjin :-

| | | |
|---|---|---|
| Zebbuġ | A. Ferris Street | 5 |
| Luqa | Wilġa Street / Zurrieq Road | 6 |
| Zurrieq | Nigret Housing Estate | 8 |
| Sta. Lucia | Phase V | 12 |
| Mġarr | Housing Estate | 16 |
| Dingli | Phase III | 22 |
| Mellieħa | Ta' Pennellu | 14 |
| M'Scala | Zonqor HOS | 20 |
| | | ----- |
| **Total** | | **103** |

Is-sena id-dieħla, ser jinharġu għall-allokazzjoni l-*maisonettes* li ġejjin :-

| | | |
|---|---|---|
| Nigret | Housing Estate | 8 |
| Sta. Lucia | Phase VII | 24 |
| Mgarr | Housing Estate | 16 |
| Dingli | III Housing Estate | 22 |
| Mellieha | Ta' Pennellu | 10 |
| M'Scala | Zonqor HOS | 16 |
| | | --- |
| **Total** | | **96** |

L-Awtorità tad-Djar għadha għadejja bl-istudju kif jistgħu jintużaw il-koperattivi fil-qasam tad-Djar kemm fis-settur Governattiv kif ukoll f'dak li mhux.

Peress li l-Awtorita' tad-Djar hija konxja bil-fatt li jezistu bini fi stat ħażin li huwa bla ebda użu għal hadd u ta' periklu għas-soċjeta', għada għaddejja fit-twaqqieħ ta' postijiet delapitati f'dawn il-lokalitajiet u li flokhom ser jinbnew *units* ġodda, kif indikat hdejn kull lokalita':-

| | | |
|---|---|---|
| Bormla | St. Helen Gate | 42 Units |
| Hamrun | Cordina Square Area | 12 Units |
| Msida | Valley Road Area | 32 Units |
| Valletta | St. Ursula Street | 4 Units |
| Valletta | Old Wells / St Nicholas Street | 38 Units |
| Tarxien | Republic Square Area | 24 Units |

Otre' dan numru ta' blokki ta' appartamenti madwar Malta huma maħsuba li jinbnew. Dawn qegħdin fil-lokalitajiet li ġejjin:-

| | |
|---|---|
| B'Kara | 28 Units |
| Kalkara | 36 Units |
| Luqa | 24 Units |
| Mqabba | 24 Units |
| Msida | 28 Units |
| Naxxar | 36 Units |
| Siggiewi | 36 Units |
| Sta Venera | 16 Units |
| Zebbug | 36 Units |
| Zurrieq | 27 Units |

## 4.0 Għeluq

L-Awtorita' tad-Djar kompliet bil-ħidma tagħha matul is-sena li għaddiet biex tissodisfa t-talba li tesisti għall-postijiet mibnija mill-Awtorita'. Wieħed japprezza l-fatt li l-Awtorita' daħlet għall-proġetti kbar u kontinwi u għaldaqstant wieħed jinduna bl-attivita' kbira li kellhom l-istaff kollu ta' l-Awtorita'

Kienet id-dedikazzjoni u koperazzjoni ta' l-impjegati kollha biex seta' jinkiseb dan is-suċċess u b'hekk wieħed japprezza l-ġustizzja soċjali li qed isir fil-Qasam tad-Djar.

Il-Bord ta' l-Awtorita' tad-Djar jkun qed jonqos jekk ma jurix l-apprezzament sinċier tiegħu lejn l-impjegati kollha għax-xogħol siewi u bla waqfien li qed jiġi mwettaq.

Kif diġa ntqal fil-rapport amministrattiv tas-sena li għaddiet, l-Awtorita' tad-Djar tixtieq tkompli turi l-apprezzament tagħha lill-pubbliku in ġenerali għall-koperazzjoni tiegħu ma' l-impjegati tagħha. B'din il-koperazzjoni l-Awtorita' tad-Djar setgħet tkompli l-attivitajiet tagħha sabiex il-benefiċjarji tagħha isiru Sid Darhom.

**ta' Novembru 1994.**

**Robert Tufigno** **George Grech**

**Carmel J. Esposito**

# RAPPORT FINANZJARJU GĦAS-SENA 1993/1994

## 1.0 Nefqa Kapitali

1.1 In-nefqa fi proġetti għas-sena 1993/1994 kienet waħda li qabżet kull sena ta' qabel. (Ara Tabella 1). Din tawgura tajjeb għat-tkomplija ta' l-aħħar fażi ta' pjan ta' żvilupp ta' 10 snin fil-bini tad-Djar. Hemm ħafna proġetti mibdija u dawn jaslu għal pagamenti s-sena d-dieħla u snin ta' wara. Fejn proġetti ta' bini kienu jiddependu biss fuq il-ħidma ta' l-Awtorita' tad-Djar dawn imxew b'ritmu aktar mgħaġġel minn ta' proġetti oħra. Billi l-proġett ta' bini huwa mqassam f'ħafna postijiet differenti, dan joħloq diffikultajiet għall-ħaddiema u periti fl-ippjanar u sorveljanza u għalhekk il-progress ma jimxix kif ikun mixtieq.

1.2 Din is-sena l-Awtorita' tad-Djar ivvotat flus għall-ewwel darba għall-akkwist ta' l-art b'żieda ma dak li jivvota l-Gvern, u jidher li dan taha riżultat tajjeb.

## Tabella I



1.3 Kemm l-istudju ta' proġetti ta' bini ta' djar kif ukoll il-proġett ta' bini li jiffranka l-enerġija, huma voti ħajjin li qegħdin jitħaddmu kontinwament. Billi bosta mix-xogħol isir minn uffiċċjali ta' l-Awtorita' tad-Djar ma jkunx hemm spejjez diretti. Fejn ikun meħtieġ ta' konsultazzjoni ma' konsulenti barranin l-ispejjez ikunu jistgħu joħorġu minn dawn l-voti. Minn din is-sena qiegħed isir studju ta' appartamenti bi ħtiġijiet speċjali, biex nilħqu ċittadini b'diżabilita' filwaqt li għal proġetti ta' bini li jiffranka l-enerġija, intalbet l-għajnuna tal-Universita' u issa dan ser jitmexxa b'koordinazzjoni sħiħa mad-Dipartiment ta' l-Arkitettura u Enġinerija Ċivil ta' l-istess Universita'.

1.4 Din is-sena tkompla wkoll xogħol ta' attrezzament fl-uffiċini ta' l-Awtorita' tad-Djar. Minħabba impenji aktar vasti qed tinħass il-ħtieġa ta' aktar spazju filwaqt li bħal ħaddiema oħra Maltin il-ħaddiema ta' l-Awtorita' tad-Djar għandu ikollhom ambjent li jixraq fiż-żmienijiet tal-lum. Wieħed jittama li dan ix-xogħol jkun komplut sa l-aħħar ta' is-sena d-dieħla. B'hekk il-ħaddiema jkunu jistgħu jaħdmu b'aktar spazju u aktar kumdita filwaqt li l-pubbliku jkun jista jiġi moqdi aħjar.

1.5 L-attrezzament fil-kompjuterizzazzjoni hija għaddejja b'ritmu tajjeb u mistenni li tilħaq il-qofol tagħha matul s-sena li ġejja. Ġa inxtraw numru ta' *"computers"* biex nagħmlu ix-xogħol ta' l-uffiċċju aktar effiċenti. Barra minn hekk ntlaħaq ftehim ma ditta lokali ta' kunsulenti bil-għajnuna tal-*"Management Systems Unit"*, biex jgħinuna niżviluppaw strateġija għal investiment akbar fit-teknoloġija. Dawn ser jidentifikaw il-ħtigijiet li jkun hemm bżonn biex ix-xogħol ta' l-Awtorita' tad-Djar jinbidel għal fuq programmi tal-kompjuter. Dan l-eżeċċizzju ukoll hu mistenni li jilħaq il-qofol tiegħu s-sena d-dieħla.

## 2.0 Nefqa Soċjali

2.1 In-nefqa f'sussidji baqgħet dejjem tikber. Parti minn dan is-sussidju huwa relatat ma bejgħ ta' appartamenti, parti oħra għandha x'taqsam mal-plots tal-*"Home Ownership Scheme"* u parti oħra ma interessi fuq self mill-*"Lohombus Corporation Limited"*.

2.2 Fil-bejgħ ta' appartamenti l-Awtorita' tad-Djar tagħat medja ta' 57% bħala sussidju. Fis-sussidju fuq ċnus fuq il-*"plots"* tal-*"Home Ownership Scheme"* tagħat medja ta' 25%. F'dawn is-sussidji in-nefqa eċċediet il-voti maħsuba għaliex dawn huma marbuta mad-dħul mill-bejgħ ta' l-appartamenti u mill-fidi taċ-ċens.

